

32003R1020

L 147/10

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

14.6.2003

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1020/2003**  
**tat-13 ta' Ġunju 2003**  
**dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti bin-nomenklatura magħquda**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkonsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar it-tariffa u n-nomenklatura statistika dwar it-Tariffa Doganali Komuni <sup>(1)</sup>, hekk kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2176/2002 <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri dwar il-klassifikazzjoni tal-merkanzija imsemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 jstabbilixxi r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hi bbażata kollha kemm hi jew parzjalment fuqha jew li żżid magħha suddiviżjoni addizzjonali u li hija stabbilita b'disposizzjonijiet speċifiċi tal-Komunità, maħsuba għall-applikazzjoni ta' tariffi jew miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.
- (3) Skond l-imsemmija regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti f'kolonna 1 tat-table imniżżla fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi CN indikat f'kolonna 2, minħabba r-raġunijiet elenkati f'kolonna 3.
- (4) Huwa xieraq li jiġi dispot illi, bla ħsara għall-miżuri *in vigore* fil-Komunità dwar sistemi ta' verifikar doppju u sorvelljanza Komunitarja qabel u wara l-importazzjoni ta' prodotti tessili fil-Komunità, informazzjoni tariffarja

vinkolanti maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri dwar il-klassifikazzjoni ta' merkanzija bin-nomenklatura magħquda u li m'hijiex skond dan ir-Regolament, tista' tkompli tiġi invokata mid-detentur għal perjodu ta' 60 jum, taħt l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf Kodiċi tad-Dwana tal-Komunità <sup>(3)</sup>, hekk kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2700/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(4)</sup>.

- (5) Il-miżuri dispoti f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi tad-Dwana,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-merkanzija deskritta f'kolonna 1 tat-table imniżżla fl-Anness għandha tiġi kklassifikata fin-nomenklatura magħquda taħt il-korrispondenti kodiċi CN indikat f'kolonna 2 ta' dik it-table.

*Artikolu 2*

Bla ħsara għall-miżuri *in vigore* fil-Komunità dwar sistemi ta' verifikar doppju u ta' sorvelljanza Komunitarja qabel u wara l-importazzjoni ta' prodotti tessili fil-Komunità, informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri li m'hijiex skond dan ir-Regolament, tista' tibqa' tiġi invokata għal perjodu ta' 60 jum, taħt l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-13 ta' Ġunju 2003.

*Għall-Kummissjoni*

Frederik BOLKESTEIN

*Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 331, tas-7.12.2002, p. 3.

<sup>(3)</sup> ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 311, tat-12.12.2000, p. 17.

## ANNEX

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Għata ta' kulur naturali, li tista' tiġi maħsula (approssimament 73 cm x 42 cm), magħmula minn prodott tessili ikkuttunat b'ħafna strati, bl-istrat estern magħmul minn drapp minsuġ (65 % polijester, 25 % qoton and 10 % polipropilin), l-istrat estern minn materjal artab (<i>wadding</i>) u l-istrat intern minn materjal mhux minsuġ ta' kulur naturali (100 % polipropilin). Għandha żipp minn fejn tkun tista' tiġi mimlija.</p> <p>(investa)</p> <p>(Ara ritratt nru 627) (*)</p>	6302 32 90	<p>Il-klassifikazzjoni hija determinata skon id-disposizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, in-noti 2(A) u 7 tat-taqsimi XI, in-nota subintestata 2(A) tat-taqsimi XI, in-nota 1 tal-kapitolu 63 u l-kelmiet tal-kodiċi NM 6302, 6302 32 u 6302 32 90.</p> <p>Id-drapp b'ħafna strati huwa magħmul minn prodott bl-intestatura 5811. Ara ukoll in-noti ta' tagħrif għall-intestatura 5811 tas-Sistema Armonizzata.</p> <p>Dan il-prodott huwa kkonsidrat bħala bjankerija taħt it-tifsira tas-subintestatura 6302. Ara wkoll in-noti ta' tagħrif għall-intestatura 6302 (1) tas-Sistema Armonizzata li jinkludu wkoll investi fis-subintestatura 6302.</p> <p>Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 9404 (prodotti ta' bjankerija) hija mħassra, peress illi dan il-prodott la huwa mimli u lanqas infurra b'xi materjal. Ara wkoll in-noti ta' tagħrif għall-intestatura 9404 (B) tas-Sistema Armonizzata. Barra minn hekk in-noti ta' tagħrif għall-intestatura 9404 (e) tas-Sistema Armonizzata jeskludu l-investi u jpoġġuhom taħt l-intestatura 6302.</p>

(\*) Ir-ritratti huma purament għal-wiri.

